MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 129/2005

**"A".**

**vs.**

**"B".**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' April 2005 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-21 t'Awissu 1970, hekk kif jirrizulta mid-Dok. "A".
Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;
Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (d)** u/jew **(f)** u/jew **(h) tal-Att XXXVII tan-1975 li jirregola z-zwigijiet.**
Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici **"A"** tal-31 ta' Mejju 2005 fejn permezz taghha prezentat l-affidavit taghha stess, ta' **Maria Falzon** u ta' **Joseph Falzon** kollox a fol 6 sa 12.

Rat in-nota tal-attrici tas-27 ta' Gunju 2005 fejn iddikjarat li m'ghandiex provi aktar (fol 14).

Rat ir-rikors tal-attrici tas-27 ta' Gunju 2005 fejn talbet li tigi appuntata l-kawza u jigi ffissat terminu biex il-konvenut jipprezenta l-provi tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Gunju 2005 fejn ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici u ta' l-affidavits kollha tal-attrici u dan id-digriet lill-konvenut. Gie ordnat ukoll lill-konvenut jipprezenta l-affidavits tieghu fi zmien 30 gurnata min-notifika lilu tac-citazzjoni u l-affidavits attrici. Il-kawza giet appuntata ghall-finali trattazzjoni ghad-19 ta' Jannar 2006.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut f'pagna 20 tal-process datata 28 ta' Lulju 2005 fejn ecceppixxa illi:-

1. Huwa jaqbel li z-zwieg tieghu ma' l-attrici huwa null u invalidu, izda billi n-nullita` hija minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici, huwa m'ghandux ibati spejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut **"B"** tal-25 ta' Awissu 2005 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess (fol 25).

Rat ir-rikors tal-partijiet tas-7 t'Ottubru 2005 fejn talbu li l-kawza tmur ghas-sentenza.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 t'Ottubru 2005 fejn cahdet it talba.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2006 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe' l-**Att dwar iz-Zwieg**. Illi jinghad ukoll li mhux ghall-ewwel darba f'tali tip ta' kawzi r-riferenza ghall-**artikolu 19 (1) (h)** ma hijiex relevanti ghall-kaz in ezami u jidher li dan huwa zball iehor dattilografiku *da parte* tad-difensuri ta' l-attrici li sfortunatament jibqa' jirrepeti ruhhu.

Illi jidher li l-attrici bbazat l-azzjoni taghha fuq l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.** Illi proprju fuq dawn iz-zewg disposizzjonijiet din il-Qorti sejra tezamina l-provi migjuba mill-partijiet. Illi fil-fatt l-attrici tghid li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat abbazi ta' l-istess subartikoli; min-naha tieghu l-konvenut b'mod mill-

iktar kategoriku jghid u jsostni li l-kunsens tieghu kien validu u jekk kien hemm vizzju ta' kunsens dan sar *da parte* ta' l-attrici u mhux min-naha tieghu ghaliex fil-fatt jghid li huwa kien izzewweg lill-attrici ghaliex kien ihobbha; ikompli li jekk allura tigi milqugha t-talba attrici huwa ma ghandux ibati spejjez.

Illi intant mill-punt *di vista*` legali l-istess subartikoli jinqraw fis-sens hawn indikat u cjoe':-

**Artikolu 19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be*

*characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage …….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** fit-trattat **'L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u diversi sentenzi ohrajn u tirreferi u taddotta ghalhekk l-istess principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti

ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad dwar id-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) u cjoe`:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju

1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. - 14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi*

*eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-

familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' ndossolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero` fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenzi ricenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Lydia Musu' vs Dr. Ian Spiteri Bailey"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u **"Francis Agius vs Dr.**

**Christopher Cilia et"** (P.A. (RCP) 8 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li *"huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew / u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu".*

Illi dwar l-ahhar premessa tal-attrici u cjoe' **l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255**, l-attrici ppremettiet illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi **l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqara hekk kif gej:-

**(h)** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti nterdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi **John R. Keating**, fil-ktieb tieghu ***"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"*** f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The*

*marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will."*

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi fl-ewwel lok jehtieg li dan il-kaz jitqieghed fil-perspettiva tieghu u cjoe' li hawn qed tintalab dikjarazzjoni ta' zwieg li sehh fil-21 ta' Awissu 1970 u cjoe' cirka sitta u tlettin (36) sena ilu; relazzjoni li minnha twieldu sahanistra zewgt itfal li llum huma wkoll maggorenni, liema ulied il-kontendenti jinghad li fis-26 ta' Mejju 2005 wahda minnhom u allura "C" kellha tlieta u tlettin (33) sena u l-iehor "D" jinghad li kellu f'dak iz-zmien ta' l-affidavit attrici hamsa u ghoxrin (25) sena.

Illi kif inghad iktar il-fuq jidher li l-attrici bbazat l-azzjoni taghha fuq l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** (dan apparti li ser jinghad fuq is-**subartikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** imsemmi fic-citazzjoni attrici). Illi proprju fuq dawn iz-zewg disposizzjonijiet din il-Qorti sejra tezamina l-provi migjuba mill-partijiet. Illi fil-fatt l-attrici tallega li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat abbazi ta' l-istess subartikoli; min-naha tieghu l-konvenut b'mod mill-iktar kategoriku jghid u jsostni li l-kunsens tieghu kien validu u jekk kien hemm vizzju ta' kunsens dan sar *da parte* ta' l-attrici u mhux min-naha tieghu ghaliex fil-fatt jghid li huwa kien izzewweg lill-attrici ghaliex kien ihobbha; ikompli li jekk allura tigi milqugha t-talba attrici huwa ma ghandux ibati spejjez.

Illi jinghad li l-konvenut minkejja li jaghti versjoni ghall-kollox differenti minn dik li taghti l-attrici xorta wahda jghid li *"jaqbel li z-zwieg tieghu ma' l-attrici huwa null u invalidu, izda billi n-nullita' hija minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici, huwa ma ghandux ibati spejjez".* Illi dwar dan din il-Qorti tigi aktar il-quddiem anke fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-konvenut u wkoll ix-xhieda tieghu moghtija fl-affidavit datat 28 ta' Lulju 2005, li huwa kontrastanti ghal dawk prezentati mill-attrici, izda li l-partijiet tramite d-difensuri taghhom lanqas ghamlu kontro-ezami ta' l-istess, minkejja

li f'partijiet krucjali u sensittivi ghall-kawza li din il-Qorti ghandha quddiemha, l-versjoni tal-partijiet hija kompletament kontradittorja ghall-ohra, specjalment dwar il-kunsens moghti mill-attrici taht id-disposizzjonijiet citati.

Illi f'dan il-kuntest huwa validissimu dak li inghad fis-sentenza **"Wilma Vancell vs Joseph Vancell"** (P.A. (RCP) – 5 ta' Ottubru 2004) fejn jinghad li ghalkemm il-partijiet qed jaqblu li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg, izda qed jiccittaw ragunijiet u jaghtu anke versjonijiet differenti ghal dan, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta' annullament taz-zwieg, u dan ghaliex hemm presunzjoni legali b'sahhitha favur il-validita` taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta' ordni pubbliku.

Illi jista' jkun li tali dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli, u wkoll meta parti jew ohra tkun qed tghix ma' persuna, izda f'kazi bhal dawn il-Qorti ma tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux mghoti mill-Ligi u f'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li intqal f'dan ir-rigward fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** tat-28 ta' Gunju 1987.

Illi ghalhekk l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' allegati fatti esposti tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-ligi u abbazi tad-disposizzjonijiet legali citati ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta' annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda abbazi tar-rekwiziti legali stabbiliti mill-ligi u f'dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Citaz. Numru 27/1999).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Raymond Theuma vs Carmen Theuma"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Frar 2005) hawn wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghall-separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghall annullament taz-zwieg; ta' l-ewwel jirreferu ghal zwieg

validu u kunsens validament moghti ghaz-zwieg, izda li fil-kors taz-zwieg inqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni tal-obbligu ta’ konvivenza bejn il-partijiet, meta fil-kaz ta’ annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta’ kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura rrenda l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett. Dan dejjem f’dan il-kaz fil-kuntest ta’ l-artikoli citati mill-attrici.

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu jirrizulta li l-attrici qed tallega li kien hemm annullament taz-zwieg peress li hija qed tghid li kostretta tizzewweg lill-konvenut minhabba li missierha ghamel pressjoni fuqha anke ghaliex hija tghid li dan kien l-istil ta’ kif skond hija jmexxi d-dar peress li huwa kien membru fl-armata; kienet hija li ltaqghet mal-konvenut meta kellha 17-il sena u huwa kellhu 19-il sena; hija tghid li sahansitra kienet sforzata minn missierha sabiex tibqa’ tohrog mal-konvenut ghaliex tghid li hekk kien semgha huwa u allura insista li jkun hekk. Dan huwa pero’ ghal kollox differenti minn dak li jixhed l-istess konvenut li jsostni li kienu t-tnejn li hadu interess f’xulxin u ghalkemm hija kienet waqfet minhabba li qatt ma kienu jkunu wahedhom, regghu bdew johorgu flimkien ghalkemm jidher li ftit jew xejn kienu jithallew wahedhom, u din kienet il-prekawzjoni tal-koppja, li ma kienux jithallew fil-liberta` sabiex johorgu jew joqghodu flimkien, izda l-konvenut ghamila cara li huwa kien ihobb lill-attrici u huwa jghid li l-attrici qatt ma indikatlu li ma rieditx tkompli mieghu.

Illi minkejja dan jidher li l-attrici baqghet tinsisti f’din il-kawza li hija kienet izzewwget lill-konvenut ghaliex kienet kostretta taghmel dan minn missierha, izda fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li waqt l-gherusija ta’ bejniethom hija, kontra allura dak li ried missierha, u dejjem skond ix-xhieda taghha, hija hassret din ir-relazzjoni diversi drabi, u kull darba kienet hija li regghet irrangat mal-konvenut tant li fil-fatt izzewgu u kienet hija li ghamlet il-preparamenti tat-tieg flimkien maz-zija taghha.

Illi l-attrici tallega li hija kienet imsawta u kostretta li tizzewweg lill-konvenut minhabba l-pressjoni u anke swat

ta' missierha, izda din il-Qorti tinnota li x-xhieda tal-konvenut hija kategorika f'dan ir-rigward fis-sens li huwa li ghex ghal hafna zmien ma' l-attrici bhala r-ragel taghha jghid li *"lili qatt ma qaltli li ma kienitx thobbni hlief fl-ahhar qabel ma' sseparajna meta qaltli li ma setghatx tirranga ghaliex ma ghadhiex thobbni. Ghandi nghid ukoll li lili marti qatt ma qaltli li kien sfurzaha missierha biex tizzewwigni".*

Illi in effetti jidher li l-partijiet damu jghix flimkien ghal snin twal, anke jirrizulta li wara sentejn mizzewga marru jghixu l-Awstralja, u wara xi zmien gew lura Malta u kellhom zewgt ulied li rabbew flimkien u skond il-konvenut l-inkwiet bejniethom kien peress li huwa jallega li l-istess attrici kellha relazzjoni ma' terza persuna, haga li *in verita`* f'dawn il-proceduri ma gietx ippruvata u jidher li l-partijiet wara hafna zmien isseparaw legalment.

Illi din il-Qorti thoss li l-attrici bla ebda mod ma ippruvat li waqt li tat il-kunsens taghha hija kienet affetta b'xi mod b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga *stante* li jidher li hija kellha fil-mument taz-zwieg il-kapacitajiet kollha estimattivi u fakoltattivi li tifhem u tapprezza x'kienet qed taghmel u fehmet sew il-kuncett taz-zwieg; jidher li kellha l-maturita' affettiva sabiex taghzel u tapprezza dak li kienet qed taghmel u dan qed jinghad ghaliex l-attrici bbazat it-talba taghha proprju fuq l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u din il-Qorti thoss li abbazi ta' dak prodott mill-attrici bhala prova, l-vizzju ta' kunsens taghha abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** certament ma giex ippruvat u dan anke abbazi ta' l-insenjamenti ta' din il-Qorti fuq indikati u wkoll dawk indikati fis-sentenza **"Alessandra sive Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) u **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"** (P.A. 10 ta' Novembru 1995) u **"Selina- Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"** (P.A. 15 ta' April 1996) u **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"** (P.A. 3 ta' Gunju 1998); **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"** (P.A. 19 ta' Ottubru 1998) u **""B" Grima vs Mary Andrews"** (P.A. 2 ta' Novembru 1998) u wkoll dak li inghad fis-sentenza

**"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana'"** (P.A. (VGD) 17 ta' Novembru 2000).

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti thoss li dak kollu li gie migjub mill-partijiet bhala prova ma jwassal bl-ebda mod sabiex jinghad li xi parti jew ohra kellha xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq l-elementi essenzjali taghha; anzi jidher car li kull parti kienet taf ezatt ghalxiex kienet diehla; dan fil-kaz tal-konvenut jidher ammess minnu, mentri min-naha ta' l-attrici l-provi prodotti ma jidhrux li huma ibbazati fuq dan is-subartikolu – ghaliex minn tali provi ma jirrizulta bl-ebda mod li jista' jinghad li gie ppruvat li l-attrici kellha xi inkapacita` fakoltattiva jew emottiva sabiex tifhem u tapprezza l-elementi essenzjali taz-zwieg – anzi accenn ta' prova ta' dan it-tip ma hemmx mill-provi prodotti; jista' jkun li tali provi jirreferu ghall-disposizzjoni legali ohra, izda jekk dan huwa l-kaz din ma gietx citata mill-attrici. Dan qed jinghad apparti l-fatt li kull prova prodotta anke bhala allegat fatt mill-attrici hija opposta mill-konvenut li jghid bl-iktar mod car li kemm damu flimkien l-attrici qatt ma' esprimiet li hija zzewget lill-konvenut ghaliex kienet sforzata, haga li llum l-attrici qed tghid wara l-mewt ta' missierha, wara l-fuq minn sitta u tlettin sena (36) mid-data taz-zwieg taghha, u wara li jidher li l-partijiet isseparaw wara hafna snin taz-zwieg – dan kollu jrendi l-versjoni attrici ghall-kollox inkredibbli u mhux pruvata fil-grad rikjest mill-ligi bhala fatt; jigi enfassizat li dak allegat mill-attrici bhala prova lanqas jasal sabiex jaqa' taht l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u certament li din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici fuq dan il-punt ma tistax tirnexxi ghaliex hija priva minn kull fundament ta' prova u konsistenza.

Illi dwar il-provi prodotti fir-rigward ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** ma hemm assolutament l-ebda element ta' prova *stante* li ma saret l-ebda prova li xi parti eskludiet xi element essenzjali taz-zwieg mill-kunsens taghha fid-data indikata u fil-fatt il-provi prodotti anke mill-attrici lanqas biss jindirizzaw dan l-artikolu; dwar il-kunsens tal-konvenut huwa stess jammetti u jghid li ta' l-impenn tieghu ghal dan iz-zwieg, li ovvjament ma kienx perfett u kellu d-

diffikultajiet tieghu; jidher li l-attrici wkoll impenjat ruhha serjament ghal dan iz-zwieg u t-trobbija ta' uliedha, u l-fatt li dan iz-zwieg sfaxxa bl-ebda mod ma jwassal remotament sabiex tintlaqa' din it-talba abbazi ta' dan is-subartikolu.

Illi fl-ahharnett dwar l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** ma hemm assolutament l-ebda element ta' sustanza jew prova u ghalhekk din it-talba attrici ghandha tigi micuda fuq l-artikoli kollha impostati mill-attrici *stante* li t-talba kif proposta hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut biss inkwantu l-istess hija b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tichad it-talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------